MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL
DIRETTORAT GĦAL-LITTERIŻMU DIĠITALI U ĦILIET TRANSVERSALI

# ĊIRKULARI

**Data:** **29 ta' Settembru 2020** **Ref: DDLTS 35/2020**

**Għal:** **Kapijiet tal-Iskejjel tal-Istat u Sezzjonijiet**

**Minn:** **Direttur għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**

**Suġġett:** **Attivazzjoni ta' timijiet maħluqa fil-Microsoft Teams**

---

Permezz ta' integrazzjoni bejn MySchool u Microsoft Teams qed jinħolqu tims awtomatiċi għal kull klassi tal-Primarja u għal kullsuġġett fis-Sekondarja (u Medji). Dan se jgħin biex l-għalliema jitnaqqsilhom ftit mix-xogħol sabiex joħolqu timijiet għall-klassijiet li jgħallmu. Barra minn hekk issa t-timijiet se jkomplu jaġġornaw awtomatikament matul is-sena jekk studenti ġodda jingħaqdu u oħrajn jitilqu mill-iskola jew inkella f'każ li jiċċaqalqu minn klassi għall-oħra.

Hekk kif din l-integrazzjoni tiġi attivata, il-gruppi maħluqa f'MySchool se jiġu riflessi fil-Microsoft Teams, bl-istess Owners u Members.

- •L-Għalliema (Team Owners) se jsibu l-klassijiet kollha li jgħallmu fil-Microsoft Teams permezz tal-iLearn tagħhom (ara l-manual).
- L-istudenti mhux se jkollhom aċċess għal dawn il-klassijiet qabel ma l-għalliema tagħhom jattivaw dawn it-timijiet individwalment.
- L-għalliema jistgħu jbiddlu l-ismijiet tal-klassijiet li jinħolqu b'mod awtomatiku fil-Microsoft Teams u anke jneħħuhom.
- L-għalliema jistgħu jżidu Membri oħra (kwalunkwe utent ieħor bi kwalunkwe email iLearn) mal-Klassi fil-Microsoft Teams. Dawn il-Membri miżjuda mill-għalliema ma jitneħħewx jekk ikun hemm xi aġġornamenti fil-klassi tagħhom.
- L-għalliema jridu jżidu l-LSEs bħala membri.
- L-għalliema jistgħu ukoll iżidu timijiet oħra.
- F'każ li xi għalliema diġa ħolqu t-timijiet tagħhom bil-fajls u l-membri, dawn jistgħu jużaw it-tim tagħhom.

Mehmuża jekk jogħġbok għandek issib linji gwida li jispjegaw pass pass kif l-għalliema jistgħu jattivaw timijiet fil-Microsoft Teams sinkronizzati mal-MySchool u kif iżidu u jneħħu l-membri.

**Is-Sur Grazio Grixti**
**Direttur**
**Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**